



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10567/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0900(NLE)

INST 215
POLGEN 58
PE-L 22
CO EUR-PREP 18

PROPOSTA

minn:	Is-Sur Markus WINKLER, Deputat Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew
data meta waslet:	16 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-proposta tal-Parlament Ewropew għal Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Parlament Ewropew

2019-2024



Strasburg, 15.6.2023

2021/2229(INL)

2023/0900(NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

MT

MT

ANNES GĦAL RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) L-Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-kriterji għall-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, jiġifieri li n-numru tar-rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni ma għandux jaqbeż is-seba' mija u ħamsin, minbarra l-President, li r-rappreżentanza għandha tkun proporzjonalment digressiva, b'limitu minimu ta' sitt membri għal kull Stat Membru, u li l-ebda Stat Membru ma għandu jiġi allokat iktar minn sitta u disgħin siġġu.
- (2) L-Artikolu 10 tat-TUE jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva, fejn iċ-ċittadini jkunu rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rappreżentati mill-gvernijiet tagħhom, li huma stess ikunu demokratikament responsabbli lejn il-Parlamenti nazzjonali jew lejn iċ-ċittadini tagħhom, fil-Kunsill.
- (3) L-Artikolu 14(2) tat-TUE għalhekk japplika fil-kuntest tal-arranġamenti istituzzjonali usa' stabbiliti fit-Trattati, li jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet dwar teħid ta' deċiżjonijiet fil-

¹ Proposta adottata fi... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Kunsill.

- (4) Numru xieraq ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew li jiġu eletti f'kostitwenza madwar l-Unjoni kollha għandu jiġi stabbilit soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika għal dik il-kostitwenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tat-TUE, għandhom jiġu rispettati l-prinċipji li ġejjin:

- in-numru totali ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew ma għandux jaqbeż 750, minbarra l-President,
- l-allokazzjoni tas-siġġijiet lill-Istati Membri għandha tkun digressivament proporzjonali b'limitu minimu ta' 6 siġġijiet u limitu massimu ta' 96 siġġu għal kull Stat Membru filwaqt li tirrifletti kemm jista' jkun id-daqsijiet tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri,
- il-proporzjonalità digressiva għandha tiġi ddefinita kif ġej: il-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru qabel l-ittondjar 'il fuq jew 'il isfel għall-eqreb numru sħiħ għandu jvarja skont il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom b'tali mod li kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni ikbar jirrappreżenta iktar ċittadini minn kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni iżgħar u, min-naħa l-oħra, iktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta' Stat Membru, ikbar ikun id-dritt tiegħu għal numru kbir ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew.

Artikolu 2

Il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri hija kkalkolata mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri, f'konformità ma' metodu stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

Artikolu 3

1. In-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru għal-

¹ Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

leġiżlatura 2024–2029 huwa stabbilit kif ġej:

Il-Belġju	21
Il-Bulgarija	17
Ir-Repubblika Ċeka	21
Id-Danimarka	15
Il-Ġermanja	96
L-Estonja	7
L-Irlanda	14
Il-Greċja	21
Spanja	61
Franza	79
Il-Kroazja	12
L-Italja	76
Ċipru	6
Il-Latvja	9
Il-Litwanja	11
Il-Lussemburgu	6
L-Ungerija	21
Malta	6
In-Netherlands	31
L-Awstrija	20
Il-Polonja	52
Il-Portugall	21
Ir-Rumanija	33
Is-Slovenja	9
Is-Slovakkja	15
Il-Finlandja	15
L-Iżvezja	21

2. Barra min-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, kif stabbilit fil-paragrafu 1, u soġġett għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/ECSC, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett anness ma' dik id-Deċiżjoni, li jipprevedi l-istabbiliment ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, 28 rappreżentant fil-Parlament Ewropew jiġu eletti f'kostitwenza madwar l-Unjoni kollha fl-ewwel elezzjonijiet wara dak l-avveniment, kif previst f'dak ir-Regolament.

Artikolu 4

Fi żmien suffiċjenti qabel il-bidu tal-leġiżlatura 2029–2034, il-Parlament Ewropew għandu jressaq quddiem il-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 14(2) tat-TUE, proposta għal allokkazzjoni aġġornata tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill Ewropew
Il-President
ent